32006Q0025

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 2005

li temenda r-Regoli ta' Proċedura interni tagħha

(2006/25/KE, Euratom)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 218(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 131 tiegħu,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 28, (1) u l-Artikolu 41, (1) tiegħu,

IDDEĊIDIET DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Id-dispożizzjonijiet tal-Kummissjoni li jwaqqfu sistema ġenerali ta' twissija f'waqtha "ARGUS", li t-test tiegħu hu anness ma' din id-Deċiżjoni, huma hawnhekk magħduda mar-Regoli ta' Proċedura tal-Kummissjoni ([1]) bħala Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2006.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni

José Manuel BARROSO

Il-President

([1]) ĠU L 308, 8.12.2000, p. 26. Regoli ta' Proċedura kif l-aħħar emendati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/960/KE, Euratom (ĠU L 347, 30.12.2005, p. 83).

ANNESS

DISPOŻIZZJONIJIET TAL-KUMMISSJONI LI JWAQQFU S-SISTEMA ĠENERALI TA' TWISSIJA F'WAQTHA

Billi:

(1) Huwa xieraq għall-Kummissjoni li tistabbilixxi sistema ġenerali ta' twissija f'waqtha msejħa ARGUS, sabiex ittejjeb il-kapaċità ta' reazzjoni malajr, effiċjenti u f'manjiera kkordinata, fil-qasam ta' kompetenza tagħha, għall-kriżijiet ta' natura multisettorali li jkopru oqsma politiċi diversi u li jeħtieġu azzjoni fuq il-livell Komunitarju, hi x'inhi l-kawża tagħhom.

(2) Is-sistema għandha tkun ibbażata inizjalment fuq netwerk ta' komunikazzjoni interna li tippermetti lid-Direttorati-ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni li jaqsmu informazzjoni fl-eventwalità ta' kriżi.

(3) Is-sistema tkun reveduta fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba u l-progress teknoloġiku biex tiżgura għaqda u koordinazzjoni tan-netwerks speċjalizzati eżistenti.

(4) Hu neċessarju li jkun definit il-proċess ta' koordinazzjoni xieraq biex jittieħdu d-deċiżjonijiet u tkun ġestita risposta f'waqtha, ikkordinata u koerenti tal-Kummissjoni għal kriżi multisettorali ewlenija, filwaqt li jinżamm suffiċjentement flessibbli u adattabbli għall-bżonnijiet u ċirkostanzi partikolari ta' kriżi speċifika u li jirrispetta l-istrumenti politiċi eżistenti li jittrattaw mal-kriżijiet speċifiċi.

(5) Is-sistema għandha tirrispetta l-kartteristiċi speċifiċi, l-għarfien espert, l-arranġamenti u l-qasam ta' kompetenza ta' kull sistema settorali ta' twissija f'waqtha eżistenti tal-Kummissjoni li tippermetti is-servizz tagħha jirrispondi għal kriżijiet speċifiċi fl-oqsma varji ta' l-attività tal-Komunità, kif ukoll il-prinċipju ġenerali tas-sussidjarjetà.

(6) Ġaladarba l-komunikazzjoni hi l-element ewlieni tal-ġestjoni tal-kriżi, għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-informazzjoni lill-pubbliku u lill-komunikazzjoni effettiva maċ-ċittadini, permezz ta' l-istampa u l-istrumenti ta' komunikazzjoni varji u postijiet tal-Komunikazzjoni, minn Brussell u/jew mil-lok l-aktar xieraq.

Artikolu 1

Is-sistema ARGUS

(1) Twaqqfet sistema ġenerali ta' twissija u risposta f'waqtha msejħa ARGUS sabiex ittejjeb il-kapaċità tal-Kummissjoni biex tipprovdi risposta malajr, effiċjenti u koerenti fl-eventwalità ta' kriżi maġġuri ta' natura multisettorali li tkopri oqsma politiċi diversi li jinħtieġu azzjoni fuq livell Komunitarju, hi x'inhi l-kawża.

(2) ARGUS għandha tkun magħmula minn

(a) netwerk ta' komunikazzjoni interna;

(b) proċess ta' koordinazzjoni speċifiku li għandu jkun attivat f'każ ta' kriżi maġġuri multisettorali.

(3) Dawn id-dispożizzjonijiet huma mingħajr preġudizzju għad-deċiżjoni tal-Kummisjoni 2003/246/KE dwar il-proċeduri operattivi għall-ġestjoni tal-kriżi.

Artikolu 2

Network ta' informazzjoni dwar l-ARGUS

(1) In-netwerk ta' komunikazzjoni interna għandha tkun pjattaforma permanenti li tippermetti d-Direttorati-Ġenerali u s-servizzi tal-Kummissjoni li jibdlu, f'ħin reali, tagħrif relevanti dwar kriżijiet multisettorali emerġenti jew theddid prevedibbli jew imminenti ta' dawn u biex jikkoordinaw risposta xieraq fil-qasam ta' kompetenza tal-Kummissjoni.

(2) Il-membri tal-qalba tan-netwerk huma: Is-Segretarju Ġenerali; DĠ ta' l-Istampa u l-Komunikazzjoni inkluż s-servizz tal-Kelliem Ewlieni; DĠ ta' l-Ambjent; DĠ Saħħa u Ħarsien tal-Konsumatur; DĠ Ġustizzja, Libertà u Sigurtà; DĠ Relazzjonijiet Esterni; DĠ Għajnuna Umanitajra; DĠ Impjegati u Amministrazzjoni; DĠ Kummerċ; DĠ Informatika; DĠ Tassazzjoni u Għaqda Doganali; iċ-Ċentru ta' Riċerka Konġunt u s-Servizz legali.

(3) Kwalunkwe Direttorat-ġenerali u servizz ieħor tal-Kummissjoni jista' jkun inkluż fin-netwerk, fuq talba tagħhom, provdut li jimplimentaw il-ħtiġijiet minimi msemmija f'paragrafu (4).

(4) Direttorati-ġenerali u servizzi li huma membri tan-netwerk għandhom jaħtru korrispondent għall-ARGUS u jimplimentaw arranġamenti ta' dmirijiet ta' l-għassa li jippermettu s-servizz ikun ikkuntattjat u jirreġixxi malajr fl-eventwalità ta' kriżi li timmerita l-intevent tiegħu. Is-sistema tkun imfassla biex tippermetti tagħmel dan fl-allokazzjoni eżistenti ta' riżorsi umani.

Artikolu 3

Il-proċess ta' koordinazzjoni fl-eventwalità ta' kriżi maġġura

(1) Fl-eventwalità ta' kriżi ewlenija multisettorali jew theddida prevedibbli jew imminenti tagħha, il-President jiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tar-responsabbiltà politika tar-risposta tal-Kummissjoni għall-kriżi. Jew iżomm ir-responsabbiltà għalih jew jiddelegaha lil Membru tal-Kummissjoni.

(2) Din ir-responsabbiltà tikkonsisti fi tmexxija u koordinazzjoni r-risposta għall-kriżi, ir-rappreżentazzjoni tal-Kummissjoni ma' l-istituzzjonijiet l-oħra u r-responsabbiltà tal-komunikazzjoni mal-pubbliku. Din ma taffettwax il-kompetenzi eżistenti u l-mandati fil-Kulleġġ.

(3) Is-Segretarjat ġenerali, taħt l-awtorità tal-President, jattiva l-istruttura speċifika tal-ġestjoni operattiva ta' kriżi msejħa l-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet deskritt fl-artikolu 4.

Artikolu 4

Il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet

(1) Il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet hu struttura operattiva speċifika tal-ġestjoni tal-kriżi stabbilita biex imexxi u jikkoordina r-risposta għall-kriżi, fil-waqt li jiġbor fih flimkien ma' rappreżentanti tad-Direttorati ġenerali u s-servizzi relevanti kollha tal-Kummissjoni. Bħala regola ġenerali, id-Direttorati ġenerali u s-servizzi msemmija fl-Artikolu 2(2) għandu jkun rappreżentat fil-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet, flimkien Direttorati Ġenerali u servizzi oħrajn li għandhom x'jaqsmu mal-kriżi speċifika. Il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet iserraħ fuq ir-riżorsi u l-mezzi eżistenti tas-servizzi.

(2) Il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet għandu jkun presedut mid-Deputat Segretarju Ġenerali b'responsabbiltà partikolari għall-koordinazzjoni politika.

(3) Il-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet b'mod partikolari jeżamina u jissorvelja l-iżvilupp tas-sitwazzjoni, jidentifika kwistjonijiet u għażliet għal deċiżjoni u azzjoni, jiżgura li d-deċiżjonijiet u l-azzjonijiet huma implimentati u jiżgura l-koerenza u l-konsistenza tar-risposta.

(4) Id-Deċiżjonijiet maqbula fil-Kumitat għall-Koordinazzjoni tal-Kriżijiet ikunu adottati permezz ta' proċeduri normali ta' teħid ta' deċiżjonijiet u jkunu eżekwiti mid-Direttorati Ġenerali u s-sistemi ta' twissija f'waqtha.

(5) Is-servizzi tal-Kummissjoni bi dmir jiżguraw il-ġestjoni tal-ħidmiet f'konnessjoni mar-risposta fil-qasam ta' kompetenza tagħhom.

Artikolu 5

Il-Manwal tal-Proċeduri Operattivi

Manwal tal-Proċeduri Operattivi jiddefinixxi d-dispożizzjonijiet dettaljati biex jimplimentaw din id-deċiżjoni.

Artikolu 6

Il-Kummissjoni tirrevedi din id-deċiżjoni fid-dawl ta' l-esperjenza miksuba u l-progress teknoloġiku, l-aktar tard sa sena wara d-dħul fis-seħħ tagħha, u, jekk hemm bżonn, tadotta miżuri addizzjonali relatati mal-funzjoni ta' l-ARGUS.